# L-Ewwel Esperjenza fuq ir-Radju għal

## Katarina Galea Curmi

Qgħadt ħdejn is-siġra tal-Milied u bdejt nikteb il-komponiment bit-titlu, *Persuna li tgħix weħedha*! Emminni ma nafx kemm domt fuqu għax jien inħossni mitlufa meta nikteb!

Meta mbagħad irċevejt il-kitba kkoreġuta mill-għalliem, bqajt b'ħalqi miftuħ bil-marka mhux mistennija li kont ingħatajt!

Xi ftit ġimgħat wara l-għalliem qalilna li kellna ċ-ċans li naqraw il-kitba tagħna fuq ir-radju. Għall-ewwel ġejt bejn ħaltejn u ma kontx ċerta x'se naqbad nagħmel! Wara ftit, għaraft li din kienet opportunità unika u li mhux ta' min jitlifha.



Jien u sħabi kellna seba' mitt sena sabiex immorru fuq ir-radju imma sa fl-aħħar il-ġurnata mistennija waslet! Wara l-iskola tlaqna għall-avventura fuq ir-radju li qatt ma konna ser ninsew. L-ewwel dħalna ġo kmajra żgħira fejn qgħadna nistennew. Tant kien hemm kwiet li stajt tisma' labra taqa'!

Iktar ma beda jagħfas il-ħin... aktar bdejt neċitata ruħi. Sa ma sar il-ħin sirt ħamra daqs il-peprin! Fl-aħħar dħalna f'kamra mdawra b'materjal stramb li qalulna li jintuża biex il-ħoss ma jirbombjax. In-nies tal-programm tgħidx kemm kienu minn tagħna. Dawn kollha għenuna biex din l-esperjenza tkun pjaċevoli. Qrajna il-komponimenti tagħna u tajna ftit pariri lis-semmiegħa! L-aqwa parir li nħobb nagħti hu li wieħed isir parti mill-kitba tiegħu u mhux jikteb biss għax ikun obda lill-għalliem.



Jien inħossni sodisfatta li mort għal din l-esperjenza u xi ħaġa li ħa nġorr miegħi, matul il-bqija ta' ħajti hi l-kunfidenza, għax wara din l-esperjenza nħossni aktar kunfidenti nitkellem quddiem in-nies. Jien tgħallimt li dejjem għandi ngħid *iva* għall-esperjenzi ġodda bħal dawn biex inkompli nżid il-kunfidenza fija nnifsi. B'dan il-mod la nikber se jkolli aktar memorji sbieħ x'nirrakkonta! Din hi waħda mill-esperjenzi tal-2017 li ser inġorrha f'qalbi tul ħajti kollha!

*****